**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Novembru 2021**

**Rikors nru: 195/2021 AGV ;**

**ab**

**U**

**cdb**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ab** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 241572(M) datat 18 ta' Mejju 2021 fejn espona bir-rispett:

1. Illi l-partijiet premessi kienu zzewgu f'Malta nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena 2007 fil-Parrocca tan-Naxxar (certifikat taz-zwieg bin-numru 1989/2007 hawn anness u mmarkat bhala **Dok. A**);

2. llli minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal u cioe', tifla bl-isem e li llum ghandha hdax-il (11) sena, u kif ukoll tifel bl-isem f, li llum ghandu seba' (7) snin;

3. Illi l-esponenti sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dr. Joanne Cassar datat it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu 2018, u l-firda taghhom ghalhekk giet regolata b'dan il-kuntratt (kopja awtentikata hawn annessa u mmarkata bhala **Dok. B**);

4. Illi l-esponenti ilhom ma jirrisjedu flimkien bhala mizzewgin ghal dawn l-ahhar hames (5) snin – cioe' minn Lulju 2016;

5. Illi l-esponent ab ma huwiex obbligat ihallas manteniment ghall-bzonnijiet tat-tfal minuri in kwantu illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet (klawsola 9) l-istess minuri huma ordinarjament residenti mieghu;

6. Illi l-intimata cdb min-naha taghha ma hijiex obbligata thallas manteniment lill-esponent ghall-bzonnijiet tal-minuri in kwantu illi ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet (klawsola 19) il-partijiet kienu qablu li ma jghaddux manteniment ghal minuri lil xulxin stante li l-istess minuri kienu ser ikunu qeghdin iqattghu hin maz-zewg genituri;

7. Illi ma jissussisti l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

8. Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jinsabu kollha sodisfatti.

**Għaldaqstant**, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti, liema żwieġ seħħ nhar is-sitta (6) ta' Ottubru tas-sena 2007; u

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Ġimgħa 5 ta' Novembru 2021, l-intimata ma oġġezzjonatx għat-talba tar-rikorrent.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien għaxart ijiem javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż jibqgħu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**